MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
### MAGISTRAT DR.
### NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2014

Numru. 125/2012

Il-**Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Simon Camilleri**

**Illum, 7 ta' Marzu 2014**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Simon Camilleri, ta' 23 sena, iben Carmel u Mary Grace nee` Grech, imwieled Pieta` nhar it-22 ta' Awwissu 1988 u residenti fil-fond numru 8, Triq Spadaro, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 392888(M):

Akkuzat talli fix-xahar ta' Lulju 2008, f'dawn il-Gzejjer:-

a) Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lil din il-Qorti kif presjeduta, milli terga' tisma l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2013, xehed **l-Ispettur Johann J. Fenech**[1], fis-sens illi fit-3 ta' Frar 2010, huwa kien baghat ghal Rachel Abdilla sabiex ikellimha dwar kaz ta' *overdose* li kien sehh fis-sena 2008, ghaliex hija xtaqet taghti izjed dettalji dwar dan il-kaz. Ix-xhud spjega illi Abdilla kienet qeghda f'*party* gewwa Gianpula, ir-Rabat u kienet hadet xi pilloli *ecstasy*. Meta huwa kien qed ikellem lil Abdilla fis-sena 2010, din qaltlu li kienet gabet dawn il-pilloli minghand Simon Camilleri, l-imputat odjern. Apparti l-ewwel stqarrija, li kienet irrilaxjata fis-sena 2008, Abdilla irrilaxxjat stqarrija ohra fis-sena 2010. Abdilla ndikat li kienet xtrat l-*ecstasy* minghand Camilleri, u dan f'okkazzjoni wahda u cioe` ghall-*party* gewwa Gianpula. Sussegwentement, hija kienet ikkonfermat l-istqarrijiet taghha bil-gurament. Minn dettalji li tat Abdilla dwar l-imputat, huwa seta' jasal sabiex isib ritratt tal-istess imputat, li fil-fatt Abdilla kkonfermat li kien il-persuna li kienet qeghda tirreferi ghaliha. L-Ispettur Fenech xehed illi f'Ottubru tas-sena 2011, kien gie esegwit mandat fil-konfront tal-imputat, fis-sens illi saret tfittxija fid-dar tal-imputat, immexxija minn PS 1044, mil-liema tfittxija ma nstab xejn. In vista tal-istqarrija li kienet ghamlet Abdilla, ix-xhud investiga lill-imputat li cahad bil-qawwa kollha li huwa qatt biegh xi droga jew illi qatt ghamel uzu minnha. Madankollu, huwa mexxa kontra l-imputat, fid-dawl tal-provi li huwa kellu fil-konfront tieghu. L-Ispettur Fenech ipprezenta l-istqarrija rrilaxxjata mill-imputat, fuq liema stqarrija huwa gharaf il-firma tieghu, tal-imputat u tax-xhud tal-istqarrija PC 642.

[1] A fol. 8 sa 10 tal-process.

L-Ispettur Fenech[2] gharaf ukoll l-istqarrija rilaxxjata minn Rachel Abdilla fl-ufficju tieghu fis-sena 2008, fuq liema gharaf il-firma tieghu, tal-istess Abdilla u ta' WPC 237 A. Vella, kif ukoll it-tieni stqarrija rilaxxjata minnha fis-sena 2010. Fuq din l-istqarrija gharaf ukoll il-firma tieghu, ta' Abdilla u tax-xhud WPC 149 R. Sammut.

In kontro-ezami, mistoqsi ghaliex kienu ghaddew sentejn minn meta sehh il-kaz, sabiex Abdilla rrilaxxjat stqarrija guramentata, l-Ispettur Fenech qal illi din kienet ghazla tal-istess Abdilla u dan sabiex hija tkun tista' tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101, stante illi hija kienet giet akkuzata bi traffikar ta' droga *ecstasy*. Qal li kienet Abdilla li kkuntatjat lilu, li Abdilla inghatat piena ta' prigunerija dwar il-kaz taghha u li fil-fatt kienet ibbenefikat mill-imsemmi artikolu tal-ligi. L-Ispettur Fenech ikkonferma illi apparti l-istqarrijiet rilaxxjati minn Abdilla, ma rrizultalu xejn izjed fil-konfront tal-imputat u illi l-unika prova li kellha l-prosekuzzjoni kienet fil-fatt l-istqarrijiet guramentati ta' Abdilla.

L-Ispettur Fenech rega' xehed fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2013[3], fejn bazikament rega' rrepeta x-xhieda tieghu precedenti u qal illi jekk jidhirlu sew Abdilla kienet giet ikkundannata tlett xhur prigunerija dwar traffikar u dan b'referenza ghal dan il-kaz u dan ghaliex kienet ibbenefikat mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Jghid ukoll in kontro-ezami u meta gie ssugerit lilu illi meta Rachel Abdilla giet arrestata, hija ma kinitx indikat lill-imputat bhala l-persuna li xtrat minghandu, illi Abdilla ma riedet issemmi lil hadd u li kienet avvicinatu sussegwentement permezz tal-avukat taghha kwazi sentejn wara l-kaz u dan biex tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101.

Fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2005, xehed **PS 1044 Gordon Calleja**[4], li qal illi fit-8 ta' Ottubru 2011 kien gie esegwit mandat ta' tfittxija u arrest fuq l-imputat gewwa r-residenza tieghu f'Haz Zabbar. Saret ukoll tfittxija fil-vettura tal-imputat, izda ma gie misjub xejn illegali.

Fl-istess seduta tal-25 ta' Jannar gie esebit il-*proces verbal* 144/2010, redatt mill-Magistrat (illum Imhallef) Dr. Silvio Meli u maghluq fit-12 ta' Frar 2010, dwar stqarrija guramentata ta' Rachel Abdilla fl-4 ta' Frar 2010.[5]

Mill-istqarrija rilaxxjata minnha fit-18 ta' Lulju 2008, wara li nghatat id-debita twissija skond il-ligi vigenti dak iz-zmien, jirrizulta illi **Rachel Abdilla** stqarret

---

[2] A fol. 32 sa 35 tal-process.
[3] A fol. 65 sa 69 tal-process.
[4] A fol. 63 u 64 tal-process.
[5] Dan il-*proces verbal* jinsab esebit a fol. 16 sa 31 tal-process.

illi hija tahdem bhala '*machine operator'* gewwa l-ST Microelectronics. Mistoqsija jekk gieli kinitx hadet droga, hija wiegbet illi kienet hadet meta kienet *party* gewwa l-Gianpula fit-12 ta' Lulju 2008 u dan b'referenza ghall-*ecstasy*. Qalet li kienet hadet wahda dakinhar. Dakinhar kienet mal-hbieb taghha izda dawn ma hadux droga. Mistoqsija kinitx taf lil Francois Zammit, qalet illi kienet ilha tafu madwar xahar u li kienet iltaqghet mieghu l-Kazin tal-Labour ta' Haz Zebbug. Dakinhar tal-*party*, huwa kien talabha sabiex iggiblu erba' pilloli *ecstasy* – l-istess tip li kienet hadet hi – u li zammitlu €50 b'kollox. Din kienet l-ewwel darba li hija xtrat u tat droga lil xi hadd. Qalet li hi kienet ser tixtri ghaliha, li Francois staqsiha jekk kellhiex u ladarba kienet ser tixtri ghaliha, hi xtrat ghalih ukoll. Hija xtrat sitt pilloli *ecstasy*, li ghalihom hallset €90. Mistoqsija minghand min xtrathom, Abdilla qalet illi xtrathom "*minghand wiehed jismu Simon jghidulu l-Kurun minn Haz Zabbar*".[6] Mistqosija tindika n-numru tal-*mobile* tieghu, hija wiegbet li dan kien 7985 6783. Din kienet l-ewwel darba li xtrat minghandu u kienet saret tafu ghaliex kien jahdem maghha l-*ST Microelectronics* u kienet taf li jhawwad. Qalet illi hija kienet ftehmet mieghu billi bghatitlu messagg tlett ijiem qabel u ftehmu li kellhom jiltaqghu fil-post fejn kien jghaddi ghaliha l-vann tax-xoghol iz-Zejtun. Mistoqsija x'kienet ghamlet bil-pilloli li xtrat, hija qalet illi hija kienet zammet tnejn ghaliha u tat l-erbgha l-ohra lil Francois. Mistoqsija kinitx lesta li tikkonferma l-istqarrija taghha bil-gurament, wiegbet fin-negattiv ghaliex "*dawn nies jaslu*"[7].

Fit-3 ta' Frar 2010, **Rachel Abdilla** rrilaxxjat it-tieni stqarrija taghha u dan wara li nghatat is-solita twissija.[8] Hija kkonfermat l-ewwel stqarrija rilaxxjata minnha u qalet illi xtaqet tikkonferma dik l-istqarrija bil-gurament. Mistoqsija jekk kinitx regghet xtrat minghand Simon, minbarra dakinhar, wiegbet fin-negattiv u qalet illi kienet taf li kunjomu kien Camilleri u li ghandu karozza bajda. Ma kinitx taf jekk kienx ghadu jbiegh droga u li minn dakinhar qatt ma ratu jew iltaqghet mieghu. Hija giet murija ritratt[9] u gharfet lill-persuna fir-ritratt bhala Simon Camilleri. Qalet li ma kienx ghadu jahdem l-ST Microelectronics u ma kinitx taf fejn qed jahdem. Mistoqsija kif kienet taf li m'ghadux jahdem hemm, hija qalet illi meta kienet qed tahdem hemm hi, hu kien diga` telaq minn hemmhekk.

Mill-istess *process verbal* jirrizulta illi fl-4 ta' Frar 2010, Rachel Abdilla kkonfermat bil-gurament iz-zewg stqarrijiet rilaxxjati minnha fit-18 ta' Lulju 2008 u fit-3 ta' Frar 2010 rispettivament, quddiem il-Magistrat Inkwerenti. Ikkonfermat ukoll illi kienet qeghda taghraf ir-ragel indikat fir-ritratt, kif indikat fl-istqarrija taghha tat-3 ta' Frar 2010.

---

[6] A fol. 27 tal-process.
[7] A fol. 27 tal-process.
[8] A fol. 24 u 25 tal-process.
[9] Esebit a fol. 28 tal-process.

Fl-istess seduta tal-25 ta' Jannar 2013, xehdet **Rachel Abdilla**[10]. Hija qalet illi fl-ewwel stqarrija taghha, hija kienet qalet illi xtrat pilloli *ecstasy* ghal wiehed li kienet tohrog mieghu, Francois Zammit, u li kienet qalet minghand min kienet xtrat il-pilloli. Sussegwentement, hija avvicinat lill-Ufficjal Investigatur permezz tal-avukat taghha. Hija xehdet illi hija kienet tat il-pilloli *ecstasy* lill-*boyfriend* taghha li kien sofra *overdose* u li kienet giet investigatha ghaliex kienet xtratlu l-pilloli hi. Waqt l-interrogazzjoni taghha, hija indikat lill-persuna li minghandha kienet xtrat il-pilloli u cioe` Simon Camilleri. Mistoqsija jekk kintix taf lil Camilleri, hija wiegbet fl-affermattiv u qalet li kien jahdem maghha l-ST. Ma kinux ilhom jahdmu hafna flimkien u cioe` inqas minn sena. Mistoqsija kinitx taf il-laqam tieghu, hija qalet "*Iva Kurun*"[11] u li kien habib taghha. Dwar il-karozzi li kellu, hija qalet li m'ghandhiex idea u li l-kulur insietu. Mistoqsija kemm il-darba xtrat minghandu, hija qalet "*Mhux darba*"[12], li xtrat pilloli *ecstasy* u li xtrat sitta. Ma ftakritx kemm kien zammilha flus taghhom. Abdilla qalet illi hija ltaqghet mal-imputat iz-Zejtun, hdejn il-knisja ta' San Klement. Mistoqsija kif kien mar jiltaqa' maghha, hija wiegbet li nsiet u li dan gara fis-sena 2008. Hija ghamlet kuntatt mieghu bil-*mobile* u ftehmu l-post u l-hin li kellhom jiltaqghu bit-telefon jew bl-*sms*. Jekk ftehmux bit-telefon jew bl-*sms* ma ftakritx ezatt. Mistoqsija biex kien mar jitlaqa' maghha, ix-xhud qalet illi ma kinitx tiftakar u mistoqsija jekk hux b'vettura jew bil-mixi, hija qalet illi minghaliha b'karozza hamra, imma ma kinitx tiftakar ezatt. Qalet li cemplitlu hi. Mistoqsija kif kienet taf li ghandu d-droga, hija wiegbet illi huma gieli tkellmu fuq ix-xoghol "*fuq parties u affarijiet hekk*"[13] ghalkemm qalet ukoll illi ma kinitx taf x'jaghmel u ma jaghmilx. Mistoqsija mill-Qorti kif kienet taf li jkollu d-droga, hija qalet "*Le ma kontx naf li jkollu jiena. Jien cempilt lilu biex nara minghand min nista' nixtri. Ma kontx naf hu x'jaghmel u jekk ikollux u jekk gielix biegh lil haddiehor*"[14]. Meta cemplitlu, huwa ghall-ewwel qalilha li kien ser jara x'jaghmel biex isibilha. Ma qallhiex li ghandu. Wara cemplilha lura jew baghtilha *sms*, ezatt ma kinitx tiftakar ghax ghadda z-zmien, u ltaqghu biex jghaddilha l-pilloli. Meta cemplilha qalilha li kien sabilha. Meta regghet giet mistoqsija kemm kien zammilha flus, qalet li ma kinitx tiftakar u regghet qalet li kien taha sitt pilloli. Mistoqsija kemm il-darba xtrat minghandu, hija qalet illi din kienet l-unika darba. Mistoqsija ghaliex dherilha li kellha tikkonferma l-istqarrija bil-gurament, hija qalet illi l-Ispettur kien qalilha illi "*jekk jiena tipo nammetti u dan, il-piena tal-habs tieghi ser tonqos u minflok 6 xhur wehilt xahrejn fil-fatt ghax kelli kondotta tajba u*

[10] A fol. 36 sa 60 tal-process.
[11] A fol. 39 tal-process.
[12] A fol. 39 tal-process.
[13] A fol. 41 tal-process.
[14] A fol. 41 tal-process.

*ammettejt*"[15]. Hija regghet ikkonfermat l-istqarrijiet guramentati li kienet irrilaxxjat, kif ukoll illi r-ritratt li kienet giet murija kien tal-imputat, Simon Camilleri, li gharfitu wkoll bhala l-imputat prezenti fl-awla.

In kontro-ezami, mistoqsija tiftakarx meta gara l-incident li fih il-*boyfriend* taghha kien ha *overdose,* hija qalet ma kinitx tiftakar id-data, imma kienet ghadha kif ratha miktuba fl-istqarrija taghha u cioe` Lulju tas-sena 2008. Il-pulizija kienu kellmuha ftit granet wara. Ikkonfermat illi dakinhar hija ndikat lil Simon Camilleri bhala l-persuna li minghandu hija xtrat id-droga. Mistoqsija meta kienet iltaqghet ma' Simon sabiex tixtri d-droga, hija qalet illi jidhrilha li kien jum jew jumejn qabel il-*party* jew dakinhar stess, ghaliex ma kinitx tiftakar ezatt. F'dawn il-jiem, zammet is-sitt pilloli hi stess u tat erbgha minnhom lil Francois Zammit li kien sofra minn *overdose*, fil-waqt illi t-tnejn l-ohra zammithom ghaliha. Il-pulizija ma sabulhiex dawn il-pilloli ghax wahda haditha hi stess waqt il-*party* u l-ohra zammitha ghal *party* iehor, izda ma hadithiex u remietha. Ikkonfermat illi meta rrilaxxjat l-ewwel stqarrija, l-Ufficjal Investigatur kien qalilha li setghet taghmel stqarrija guramentata, izda dan m'ghamlitux ghaliex ma riditx titfa' lil haddiehor f'dak li ma riditx tidhol fih hi. Qalet illi hija indikat lill-imputat "*wara hafna hin*"[16] – dwar dan fissret illi hija ndikatu dakinhar stess tal-ewwel stqarrija, izda wara xi tlett sighat. In ezami, izjed qabel, qalet ukoll illi hija ma riedet tammetti xejn ghall-ewwel, izda mbaghad tnizzlet fil-*lock up* u ma kellhiex ghazla ohra[17]. Ikkonfermat li kienet taf lill-imputat fuq il-post tax-xoghol u li qatt ma kienet semghet xejn hazin dwaru. Qalet li fil-fatt kien habib taghha u li gieli kienu jkunu flimkien dak iz-zmien. Hi kienet taf li huwa gieli mar xi *parties* u ma kinitx taf jekk kienx ibiegh, izda peress illi kellha bzonn tixtri, kienet staqsiet lilu. Cemplet biss lill-imputat u ma cemplet lil hadd iktar. Mistoqsija x'kien id-diskors li ntqal fuq it-telefon, hija wiegbet li ma kinitx tiftakar, u li ma kinitx tiftakar jekk kinitx baghtet *sms* jew jekk cemplitx. Qalet li staqsietu ghall-*ecstasy* imma ma kinitx tiftakar x'qaltlu ezatt. Fuq mistoqsija tal-Qorti u jekk kinitx staqsietu biex jaghtiha hu, hija regghet wiegbet "*le biex nara tipo jekk jistax isibli minghand xi hadd jew jekk ghandux. Jiena ma kontx naf jekk ghandu jew m'ghandux*"[18]. Qalet li ltaqghu z-Zejtun, fejn il-bandli, fejn il-knisja ta' San Klement. Meta regghet giet mistoqsija ghaliex damet sentejn sabiex tikkonferma l-istqarrija taghha bil-gurament, hija kkonfermat illi tramite l-avukat taghha, hija talbet illi tikkomunika mal-Ispettur u li kienet hadet il-parir tal-avukat taghha dwar dan. Hija kkonfermat ukoll illi qabel ma rrilaxxjat l-istqarrija taghha fis-sena 2008, hija giet infurmatha illi kemm il-darba tindika l-persuna li minghandha gabet id-droga, kienet ser tonqsilha l-piena. Qalet illi

[15] A fol. 44 tal-process.
[16] A fol. 48 tal-process.
[17] A fol. 43 tal-process.
[18] A fol. 50 tal-process.

hija ndikat il-laqam tal-imputat ghaliex kienet tafu, li gieli ltaqghu wahedhom u li kienet taf li l-imputat ma kienx jiehu droga. Mistoqsija ghalfejn allura qalet li l-imputat kien ihawwad meta skond hi, qatt ma ha droga, hija qalet "*ihawwad fis-sens, jiena ghalija kelma li jiena gieli hadt pirmla ecstasy inhawwad*"[19]. Ikkonfermat li hija indikat li l-imputat bieghilha l-pilloli *ecstasy* u qalet li kienet qeghda tghid il-verita` u li ma kinitx ser issemmih li kieku ma kienx hu. Qalet illi hija ma tistax tkun certa x'kien jaghmel l-imputat, izda qatt ma hadet droga mieghu u qatt ma ratu jiehu droga. Spjegat izda li kienet taf li gieli kien imur *parties*: "*Il-generazzjoni taghna xi hadd ihawwad ghax jitla' party. Issa ihawwad ghax jiehu xi droga imma jiena ma nafx x'jaghmel*"[20]. Regghet ikkonfermat illi ma kinitx taf li l-imputat jiehu d-droga u li qatt ma semghet li kien ibiegh id-droga, izda kienet taf biss li jmur il-*parties*. Ghalhekk cemplet lilu biex tara minn fejn setghet iggib id-droga. Meta gie suggerit lilha li ma kinux xi hbieb kbar, hija kkonfermat dan u kkonfermat li kienet ilha tafu xi sena. Kienet tiltaqa' mieghu x-xoghol kuljum u barra mill-hin tax-xoghol ma ltaqghux hafna, izda xi darbtejn, ghalkemm ezatt ma kinitx tiftakar kemm il-darba. Qalet li kienu jitkellmu ghaliex kienu jahdmu ljieli flimkien u meta kienu jahdmu x-*shift* ta' bil-lejl kien ikollhom cans jitkellmu.

In ri-ezami, mistoqsija jekk apparti l-imputat, kienx hemm xi hadd iehor fuq ix-xoghol taghha, li jmur *parties*, hija wiegbet fl-affermattiv, izda qalet illi cemplet lill-imputat u mhux lil haddiehor, ghaliex mieghu kienet l-iktar vicin u kien xi hadd li setghet iccempel. Mistoqsija jekk qatt kinux tkellmu fuq *ecstasy* jew droga, hija qalet illi kienu jitkellmu dwar *parties* u affarijiet hekk izda qatt ma semmew x'kienu jaghmlu fil-*parties* u qatt ma tkellmu fuq droga. Qalet illi ma setghetx tiftakar ezattament x'kienu jghidu ghaliex ghaddew izjed minn hames snin, izda qalet illi l-uniku persuna li setghet tikkuntatja kien l-imputat. Regghet qalet illi ma kinitx taf jekk hu kienx jiehu droga jew kienx ibiegh, imma gieli semmew il-*parties* u peress illi hija kellha biss tmintax-il sena, ma kinitx taf minghand min kienet ser ticcekkja dwar droga. Cemplet lilu ghaliex kienu jitkellmu hafna. Din kienet l-ewwel darba li xtrat id-droga.

Fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2013, xehed **l-imputat**.[21] Qal illi fis-sena 2008, huwa kien jahdem l-SGS. B'referenza ghax-xhieda ta' Rachel Abdilla fis-sens illi kien hemm xi darba jew drabi fejn huwa kien bieghilha jew taha xi pilloli *ecstasy*, huwa qal illi qatt ma kien ghamel dawn l-affarijiet. Qal illi kien jahdem bhala *cleaner* gewwa l-SGS, fil-waqt illi Abdilla kienet *operator* u li kienu jitkellmu. Qal illi kienu saru hbieb u spiccaw anke johorgu flimkien, fis-sens illi kien ikollhom *dates*. Wara qal illi kien imur maghha fis-sens illi kien ikollhom relazzjoni intima flimkien. Qal illi din il-hbiberija ta' bejniethom

[19] A fol. 55 tal-process.
[20] A fol. 56 tal-process.
[21] A fol. 72 sa 84 tal-process.

damet ghaddejja xi tmien xhur. Ikkonferma illi huwa kien jafha fis-sena 2008 u illi l-pulizija baghtu ghalih ghall-habta tas-sena 2011. Huwa kkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija. Rega’ qal illi huwa qatt ma biegh jew offra droga lil Rachel Abdilla. Mistoqsi ghaliex Rachel Abdilla setghet ghamlet stqarrija kontra tieghu bil-gurament, huwa rega’ qal illi qatt ma ghamel dawn l-affarijiet u illi “*jiena dik kont nohrog maghha ... imbaghad kienet qaltli nieqfu ghax l-gharus induna*”[22]. Qal illi huwa kien johrog maghha bil-mohbi tal-gharus taghha. Mistoqsi mill-Qorti ghaliex kien qed jghid li Abdilla ghamlitlu hekk, huwa qal “*Nahseb jiena biex tpattihieli b’hekk ghax kienet qaltli nieqfu u ghidtilha ok jiena u daqshekk. Kien qabadna u anke meta ltqajt mieghu jiena, dejjem ihares bic-ciera*”[23]. Qal illi qatt ma kien hemm glied bejnu u bejn l-gharus taghha u l-gharus taghha qatt ma qallu xejn, hlief iharislu bic-ciera. Qal illi huwa ma kienx baqa’ jahdem fl-istess post, li kien qata’ l-kuntatt maghha u ma kienx jaf kif baqghet Abdilla fuq il-kaz taghha. Mistoqsi meta kien waqaf jahdem ma’ din il-kumpanija, huwa qal xi ma kienx jiftakar izda kien ghamel xi sitt xhur jahdem hemm. Wara meta ngibdet l-attenzjoni tieghu illi huwa kien qal illi kien ghamel xi tmien xhur jiltaqa’ ma’ Abdilla, qal illi ghamel xi tmien xhur jew izjed jahdem hemm. Qal ukoll illi kien johrog ma’ Abdilla “*naqriet*” u mhux sitt xhur kontinwi. Qal illi l-pulizija ma kinux sabulu drogi fuqu u qatt ma kien gie arrestat qabel jew wara dan il-kaz, dwar droga.

In kontro-ezami, meta gie mistoqsi jekk qatt kellux *mobile* bin-numru 7985 6783, huwa qal li ma kellux dan in-numru. Qal li Abdilla qatt ma bghatitlu *sms* fuq dak in-numru. Meta gie ssugerit lilu illi f’Gunju 2008 huwa kien iltaqa’ ma’ Abdilla z-Zejtun u li kienet ftehmet mieghu biex imur hdejha fejn jghaddi l-vann tax-xoghol gewwa z-Zejtun, huwa wiegeb fin-negattiv u qal li kien imur maghha wara li jispiccaw ix-xoghol. Mistoqsi jekk kinitx bghatitlu messagg biex jiltaqa’ maghha fejn jghaddi ghaliha l-vann tax-xoghol, huwa qal li ma kellux dak in-numru u mistoqsi jekk kinux ftehmu fejn jghaddi ghaliha l-vann tax-xoghol, huwa qal illi qatt ma bghatitlu messaggi. Cahad li kien mar jiltaqa’ maghha z-Zejtun u mistoqsi fejn kienu jiltaqghu, huwa qal li kienu jitlaqghu wara x-xoghol fil-parking tal-SGS. Qal li kienu jikkomunikaw bejniethom waqt il-hin tax-xoghol. Mistoqsi jekk qatt kinux icemplu lil xulxin jew jibghatu messaggi lil xulxin, huwa wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk kienx jahseb li Abdilla qeghda tigdeb fil-konfront tieghu, huwa wiegeb “*mija fil-mija*”. Fir-rigward tas-sitt pilloli *ecstasy* li kienu ghand Abdilla u jekk kienx jaf bihom, huwa wiegeb fin-negattiv u qal li ma jafx minn fejn gabithom “*u ma nafx ghala giet tpattihuli b’hekk ghax jiena bil-bona grazzja taghha kont immur maghha*”[24].

---

[22] A fol. 78 tal-process.
[23] A fol. 78 tal-process.
[24] A fol. 84 tal-process.

Fl-istqarrija tieghu rilaxxjata minnu fid-9 ta' Ottubru 2011[25], wara li nghata s-solita twissija u wara li kkonsulta ma' avukat, meta **l-imputat** gie mistoqsi kellux laqam, huwa qal illi m'ghandux laqam izda sussegwentement, mistoqsi jekk kinux isibuhom ta' Kurun, huwa wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jghid x'karozza ghandu, huwa qal illi ghandu Fiat Uno ta' kulur ahmar u illi din kienet ta' missieru u mhux tieghu. Ikkonferma illi kellu zewg vetturi Peugeot – wahda bajda u wahda griza u li dawn kien skrappjahom fil-bidu tas-sena. Ikkonferma li kien ghamel zmien jahdem l-ST Microelectronics u li kien jahdem bhala *cleaner*. Mistoqsi n-numru li kellu qabel dak prezenti, huwa qal illi n-numru tal-*mobile* tieghu kien 7905 6583, li ma kellux linja ohra apparti dik tal-lum u li din kienet l-ewwel linja li kellu. Qal li kien ilu snin b'din il-linja, izda ma kienx jaf jekk kellux dik il-linja fis-sena 2008. Mistoqsi jekk ghandux il-vizzju tad-droga u jekk qatt hax droga, huwa wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk qatt kienx biegh, qasam jew offra droga lil xi hadd, huwa wiegeb "*lanqas qatt*". Mistoqsi jekk imurx *parties*, huwa qal "*Le. Ma tantx jien dilettant taghhom*". Meta gie ssuggerit lilu illi fuq il-*mobile* tieghu, kien hemm xi messaggi li baghat u li rcieva, fosthom wiehed dwar xi *party* ta' Tenishia, huwa qal li ma kienx jaf li bghatulu xi messaggi biex imur xi *parties* ghaliex kien arrestat. Meta rega' gie mistoqsi fuq il-laqam tieghu u saritlu referenza ghall-fatt li huwa qal li ma kellux laqam u ghall-fatt li fuq il-*mobile* tieghu, kien hemm messagg fejn wiehed Denis irrefera ghalih bhala 'Kurun', huwa wiegeb illi "*ma jsejhulix daqstant imma gieli jsejhuli 'kurun'*". Innega li f'Lulju 2008, huwa biegh sitt pilloli *ecstasy* bil-prezz ta' €90 u baqa' jichad illi huwa biegh xi droga. Meta gie ssugerit lilu illi l-persuna li xtrat minghandu bghatitlu messagg fuq il-*mobile* tieghu u ftehmu biex jiltaqghu z-Zejtun biex jghaddilha d-droga, huwa wiegeb li ma jaf xejn.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

F'dan il-kaz, il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet opposti ossia dik tax-xhud Rachel Abdilla, li tghid illi hija akkwistat sitt pilloli *ecstasy* minghand l-imputat f'Lulju tas-sena 2008 u dik tal-istess imputat li jinnega illi huwa qatt biegh jew ghadda xi *ecstasy* lil Abdilla jew lil haddiehor. Ix-xhieda ta' Rachel Abdilla hija l-unika prova li ngabet kontra l-imputat f'dawn il-proceduri, tant illi kif xehed l-Ispettur Fenech, minn tfittxija li saret lill-imputat f'Ottubru 2011 u mill-investigazzjoni tieghu tal-imputat, ma rrizultalu xejn, u l-imputat gie imressaq sabiex iwiegeb ghall-imputazzjoni odjerna esklussivament a bazi tal-istqarrijiet guramentati rilaxxjati mix-xhud Rachel Abdilla.

Illi kollox jiddependi fuq il-kwistjoni tal-kredibilita` li ghandha tinghata lix-xhud ewlenija tal-Prosekuzzjoni ossia Rachel Abdilla, li hija kategorika meta

[25] Esebita a fol. 11 sa 13 tal-process.

tghid li hija kienet xtrat il-pilloli *ecstasy* minghand l-imputat. Skond l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrijiet guramentati u x-xhieda moghtija minn Rachel Abdilla u hasbet fit-tul fir-rigward taghhom. In oltre, stante illi l-istess xhud ma xheditx quddiem din il-Qorti kif presjeduta, u ghalhekk din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita` li tifli direttament l-komportament taghha fuq il-pedana tax-xhieda, il-Qorti semghet ukoll ir-*recording* tax-xhieda taghha. Il-Qorti fil-fatt tinnota li Abdilla kienet kontinwament konsistenti fix-xhieda li hija tat quddiem il-Qorti kemm in ezami, kif ukoll in kontro-ezami u tqis ix-xhieda taghha bhala wahda kredibbli u attendibbli ghall-ahhar. Il-fatt li ma ftakritx certi dettalji ma jnaqqas xejn mill-kredibilita` tax-xhud fil-fehma tal-Qorti u dan ghaliex ghaddew hames snin minn meta gara l-fatt mertu tal-kaz u d-data li fiha hija xehdet quddiem il-Qorti u ghalhekk huwa tassew plawsibbli illi x-xhud ma kinitx tiftakar certi dettalji.

Il-Qorti qieset ukoll illi kuntrarjament ghal dak li ssottomettiet id-difiza fit-trattazzjoni finali taghha, fis-sens illi ghaddew sentejn sabiex Rachel Abdilla

indikat lill-imputat bhala l-persuna li minghandha xtrat il-pilloli *ecstasy*, fil-verita` Abdilla mill-ewwel indikat lill-imputat bhala l-fornitur taghha u dan kif jirrizulta car mill-istqarrija rilaxxjata minnha fit-18 ta' Lulju 2008. Li kieku l-kaz kien verament kif tghid id-difiza u cioe` li Abdilla damet tahsibha sentejn biex tindika lill-fornitur taghha ghall-ewwel darba, bil-prospett li hija tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta la darba hija stess kienet akkuzata bi traffikar tad-droga *ecstasy*, allura dan kien jaf iqanqal dubju f'mohh il-Qorti dwar il-veracita` ta' dak li xehdet dwaru din ix-xhud. Madankollu, Abdilla, fl-istess waqt li fl-istqarrija taghha tat-18 ta' Lulju 2008, inkriminat ruhha bid-dettalji li hija tat dwar il-mod li kienet akkwistat il-pilloli *ecstasy* u ghaddiethom lill-gharus taghha ta' dak iz-zmien, indikat ukoll il-fornitur taghha bhala wiehed jismu Simon, jghidulu l-Kurun, minn Haz-Zabbar, li kien jahdem maghha l-ST Microelectronics u spjegat ukoll il-mod kif ftehmu u fejn iltaqghu sabiex jghaddilha d-droga. Issa veru wkoll illi x-xhud tghid illi anke qabel ma rrilaxxjat l-ewwel stqarrija taghha, kien intqal lilha mill-Ufficjal Investigatur illi kemm il-darba hija tindika lill-fornitur taghha, kienet tonqsilha l-piena, izda minkejja dan, ix-xhud fil-waqt li kixfet lill-imputat, xorta baqghet ma gguramentatx l-istqarrija taghha f'dak l-istadju. Mhux biss, izda l-Qorti ma tarax ghalfejn m'ghandhiex temmen lil Abdilla fir-rigward tal-ewwel stqarrija taghha, meta a bazi taghha hija mhux biss indikat lill-imputat, izda nstabet ukoll hatja ta' traffikar tal-pilloli *ecstasy*. Dan fis-sens illi l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tahseb illi fil-waqt illi Abdilla qalet il-verita` kollha fir-rigward tal-parti fejn tghid kif hija forniet id-droga lill-gharus taghha ta' dak iz-zmien – u tat id-dettalji kollha dwar dan u nstabet ukoll hatja ta' traffikar ta' droga – hija mbaghad naqset li tghid il-verita` f'dik il-parti fejn indikat lill-imputat. Fit-tieni stqarrija taghha, imbaghad ix-xhud terga' tikkonferma l-ewwel stqarrija taghha, u zzid tghid illi Simon kien kunjomu Camilleri u li ghandu karozza bajda. Mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, jirrizulta illi fil-fatt huwa kellu l-laqam ta' Kurun u anke illi qabel, huwa kellu karozza bajda, kif tghid Abdilla fit-tieni stqarrija taghha.

Fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, imbaghad, ix-xhud baqghet konsistenti ma' dak li kienet qalet fl-istqarrijiet taghha. Konsistentement qalet illi kienet xtrat minghand l-imputat f'okkazzjoni wahda u li kienet xtrat sitt pilloli minghandu. Hawn ta' min jghid, illi d-difiza fit-trattazzjoni finali taghha, tghid illi Abdilla, wara li f'diversi okkazzjonijiet, kemm fl-istqarrija guramentata, kif ukoll quddiem il-Qorti, tghid illi kienet biss f'okkazzjoni wahda li xtrat l-*ecstasy* minghand l-imputat, f'punt minnhom tghid illi xtrat izjed minn darba. Issa veru illi fix-xhieda taghha, a fol. 39 tal-process, l-imputata meta giet mistoqsija kemm il-darba xtrat minghand l-imputat, hija tghid "*Mhux darba*", madankollu wara li l-Qorti semghet ir-*recording* ta' din ix-xhieda, innutat illi din kienet mistoqsija fis-sens illi x-xhud qalet "*Mhux darba?*" u mhux affermazzjoni illi hija xtrat izjed minn darba. Anke jekk

wiehed ma jismax ir-*recording*, dan jista' jigi wkoll ikkonfermat mill-mistoqsija li saret ezattament wara din ir-risposta u cioe` "*u xi xtrajt*?", mentri li kieku x-xhud indikat li kienet xtrat izjed minn darba, il-mistoqsija naturali li kienet issegwi kienet tkun "kemm il-darba xtrajt?". Ghalhekk anke f'dan ir-rigward ix-xhud baqghet konsistenti ghall-ahhar.

Punt iehor imqajjem mid-difiza fit-trattazzjoni taghha, kien illi mhijiex attendibbli l-verzjoni ta' Abdilla ghaliex ghalkemm hija bhala fatt ma kinitx taf li l-imputat kien jiehu d-droga jew li kien ibiegh id-droga, hija kienet staqsiet lilu sabiex takkwista d-droga. Madankollu fix-xhieda taghha, hija spjegat u dan b'mod konsistenti illi ghalkemm hija ma kinitx taf jekk l-imputat ikollux droga jew jekk kienx ibiegh id-droga, fuq ix-xoghol huma kienu tkellmu dwar *parties*, u ghalhekk hija kienet cemplet lilu biex tara minghand min setghet tixtri. Xehdet ukoll illi ghall-ewwel huwa kien qalilha illi kien ser jara x'jaghmel biex isibilha u ma qallhiex li kellu d-droga, izda mbaghad cemplilha lura jew baghtilha messagg biex jghidilha li kien sabilha u kien ghalhekk li ltaqghu, iz-Zejtun, hdejn il-knisja ta' San Klement. Il-Qorti ma ssib xejn inattendibbli f'din l-ispjegazzjoni li taghti x-xhud u r-raguni ghalfejn cemplet lill-imputat minkejja li ma kinitx taf bhala fatt illi l-imputat kien jiehu jew ibiegh id-droga. Hija cemplet jew staqsiet lill-imputat biex tara primarjament minn fejn setghet tixtri d-droga u mhux biex tinqeda minghandu direttament. Irrizulta wkoll mix-xhieda ta' Abdilla, illi din kienet l-ewwel darba illi hija xtrat id-droga u ghalhekk hija wkoll attendibbli l-ispjegazzjoni taghha illi hija ma kinitx taf min fejn setghet takkwista d-droga u li ghalhekk cemplet lill-imputat biex tistaqsi lilu.

L-imputat da parti tieghu jinnega illi huwa qatt biegh xi droga jew ghadda xi droga lil Abdilla. Jghid illi Abdilla gidbet fil-konfront tieghu, izda meta mistoqsi ghaliex setghet ghamlet dan u ghaliex kienet ippuntat subghajha lejh, huwa jghid illi kellu relazzjoni intima maghha, bil-mohbi tal-gharus taghha, u li Abdilla kienet qaltlu sabiex jieqfu, ghaliex l-gharus taghha kien induna b'dan. Hu haseb ghalhekk li Abdilla ippuntat lejh biex tpattihielu. Jghid ukoll illi qatt ma kien hemm glied bejnu u bejn l-gharus taghha, izda dan dejjem kien iharislu bic-ciera. Dwar dan il-Qorti ma thossx li din hija spjegazzjoni plawsibbli u verosimili ghala Abdilla kellha tindika lill-imputat bhala l-persuna li kien forniha bil-pilloli *ecstasy*. Ma rrizultax illi kien hemm xi glied jew incidenti precedenti bejn Abdilla u l-imputat. Din tal-imputat hija semplici kongettura priva minn kull prova u sempliciment hsieb li ghaddhielu jew addirittura skuza sabiex jipprova jiskolpa ruhu. Li kieku kien il-kaz illi l-imputat stronka r-relazzjoni ta' bejnu u bejn Abdilla hu – kemm il-darba din ir-relazzjoni intima kienet verament tezisti – allura forsi l-imputat kien ikollu ghalfejn jahseb hekk, izda hu jghid sempliciment illi Abdilla temmet ir-relazzjoni hi u daqshekk. Mhux biss, izda d-difiza minkejja li ghamlet kontro-ezami twil lil Abdilla, fl-

ebda mument ma taghmel accenn ghal dan il-punt jew ghal xi raguni ohra li ghaliha Abdilla setghet ippuntat b'mod partikolari lejn l-imputat, u ghalhekk din tal-imputat ma tidher xejn hlief skuza li gietu f'mohhu *as an afterthought.* Li jirrizulta biss mill-atti, huwa illi Abdilla kienet iltaqghet mal-gharus taghha ta' dak iz-zmien – Francois Zammit - xi xahar qabel ma sehh l-incident u ghalhekk fi zmien meta x'aktarx l-imputat diga` kien telaq mill-ST Microelectronics. Fil-fatt fl-ewwel stqarrija taghha, meta mistoqsija kif kienet taf bl-imputat, hija qalet illi '*kien jahdem*' l-ST Microelectronics u ghalhekk sa dak iz-zmien jidher li lanqas biss kien ghadu jahdem hemm. M'hemm l-ebda prova ohra fl-atti jew xi indikazzjoni dwar xi gharus li seta' kellha Abdilla fiz-zmien li kienet tahdem mal-imputat jew li fil-fatt kien hemm xi intricci bejnha u bejn l-imputat fis-sens illi jallega l-istess imputat, jew li kien minnu dak li sostna l-imputat fis-sens illi l-gharus ta' Abdilla kien induna b'din ir-relazzjoni sigrieta u kien anke joqghod iharislu bl-ikrah.

Ghalhekk wiehed jistaqsi: x'interess kellha Abdilla li tipponta subghajha proprju lejn l-imputat bhala l-fornitur taghha? Min-naha l-ohra, l-interess tal-imputat li jichad huwa ovvju.

Punt iehor li dwaru l-Qorti ssib il-verzjoni tal-imputat xejn kredibbli huwa kif hu jghid illi kellu relazzjoni intima ma' Abdilla, li damet ghaddejja *on and off,* skond hu, ghal xi sitt jew tmien xhur, izda mbaghad jghid illi qatt ma kkomunikaw ma' xulxin permezz tal-*mobile* barra l-hin tax-xoghol u li kienu jikkomunikaw ma' xulxin biss bil-kliem fuq il-hin tax-xoghol.

In oltre fl-istqarrija tieghu, meta l-imputat gie mistoqsi mill-Ufficjal Investigatur jekk kienx imur *parties,* huwa wiegeb fin-negattiv u qal li ma tantx hu dilettant taghhom. Sussegwentement, l-Ufficjal Investigatur issuggerielu illi fuq il-*mobile* tieghu kien hemm xi messaggi li baghat u rcievha hu rigward xi *party* ta' Tenishia. Issa veru illi l-*mobile* tal-imputat ma giex esebit u ma saret l-ebda prova li kien hemm dawn il-messaggi fil-*mobile* tieghu, izda ghal din id-domanda l-imputat li skond hu ma kienx imur *parties*, ma deherx sorpriz jew ta xi spjegazzjoni ghalihom, izda qal sempliciment illi ma kienx jaf b'dawn il-messaggi ghaliex kien qieghed arrestat.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi hemm diskrepanza bejn in-numru tal-*mobile* li ghalih tirreferi Abdilla bhala n-numru tal-imputat fl-istqarrija taghha u n-numru tal-*mobile* li l-imputat jghid li kellu qabel. Madankollu, apparti li z-zewg numri kienu tassew vicin ta' xulxin, tant li d-diskrepanza tirrizulta biss f'zewg numri minn tmienja, din il-Qorti ma thossx illi din id-diskrepanza hija bizzejjed biex ixxejjen il-kredibilita` u l-konsistenza li wriet Abdilla fix-xhieda taghha u mill-banda l-ohra, in-nuqqas ta' kredibilita` tal-imputat meta rinfaccjat b'certi domandi.

Huwa minnu wkoll illi ma giet esebita l-ebda droga fl-atti ta' dawn il-proceduri. Madankollu, jirrizulta mill-provi illi Abdilla kienet xtrat sitt pilloli minghand l-imputat u li hija ghaddiet erba' minnhom lil Francois Zammit, fil-waqt illi zammet tnejn ohra ghaliha. Hija xehdet illi kienet ikkunsmat wahda minn dawn il-pilloli, fil-waqt illi ohra kienet zammitha ghall-*party* iehor, izda sussegwentement remietha. Ghalkemm l-Ispettur Fenech fit-tieni xhieda tieghu jghid illi kienu nstabu xi pilloli fuq Abdilla waqt il-*party* in kwistjoni, il-Qorti ghandha d-dubji taghha dwar dan ghaliex apparti li dan il-fatt ma jissemmiex mill-Ispettur Fenech fl-ewwel xhieda tieghu, fit-tieni lok u izjed relevanti, fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minn Abdilla, l-Ufficjal Investigatur jistaqsiha dwar in-numru ta' pilloli li kienet xtrat u x'ghamlet bihom u fl-ebda mument ma juriha dawn il-pilloli u jistaqsiha dwarhom, kif fil-fatt solitament isir meta tinstab droga fil-pussess ta' persuna. Dan fil-fatt jindika illi Abdilla kienet giet arrestata mhux ghaliex instabu fuqha xi pilloli, izda ghaliex mill-investigazzjonijiet li saru, irrizulta illi kienet Abdilla li ghaddiet il-pilloli lil Francois Zammit, tant ukoll illi Abdilla ma gietx interrogata immedjatament fil-jum tal-*party*, izda sitt ijiem wara.

F'dan ir-rigward, din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2004, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Sharon O'Neil</u>**, fejn inghad hekk:

"*Tikkontendi li s-sempliċi fatt li hija ammettiet li kellha fil-pussess tagħha u li xtrat għal ħaddiehor ir-raża tal-cannabis kif ukoll l-"ecstasy", ma kienx biżżejjed biex il- prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-element materjali tar-reat, u dan peress li dak li hija xtrat seta' ma kienx verament raza tal-cannabis jew "ecstasy".*

*Dan l-aggravju huwa, fic-cirkostanzi, wieħed infondat. Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analiżi tagħha, jista' jkun hemm ċirkostanzi li jitfgħu dubju dwar kemm verament l-oġġett li dak li jkun xtara (jew żamm jew għadda lil ħaddieħor) kien droga projbita mil-liġi. Mill-banda l-oħra, meta si tratta ta' oġġett li jiġi kkunsmat, tkun haġa assurda li wieħed jippretendi li f'kull każ, biex tinstab ħtija, hemm bżonn li tinstab ukoll xi droga jew traċċi tagħha jew oġġetti relatati ma' l-abbuż tad-droga. Fi kliem ieħor, jekk qorti tkun sodisfatta – bħalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-każ – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-każ li l-appellanti verament kellha r-raza tal-cannabis u l- "ecstasy", u mhux xi "oġġett" ieħor, allura l-ħtija tista' tiġi bbażata esklussivament fuq tali ammissjoni. L-istess jista' jingħad għad-deposizzjoni ta' xhud, wieħed jew aktar, fil-konfront tal-akkużat meta ma tinstabx droga. Fil-każ in eżami din il-Qorti ma tara ebda*

*raġuni għala għandha b'xi mod tvarja l-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti, konklużjoni bbażata esklussivament fuq iż-żewġ stqarrijiet tal-appellanti.*"

Din is-sentenza giet abbraccjata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tal-20 ta' Settembru 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Matthew Saviour Felice Pace**. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn temmen illi dak li akkwistat Abdilla minghand l-imputat ma kinux fil-fatt pilloli *ecstasy*, tant illi ghalkemm ma ngabitx prova diretta dwar dan, madankollu, jirrizulta kemm mix-xhieda tal-Ufficjal Investigatur, kif ukoll ta' Abdilla, illi Francois Zammit kien sofra *overdose*, konsegwenza tal-pilloli li tatu Abdilla. In oltre Abdilla stess kienet ikkonsmat minn dawn il-pilloli.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti jidhrilha illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sodisfacentement u sal-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat kien fil-fatt biegh il-pilloli *ecstasy* lil Rachel Abdilla.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, li ma tinkludi l-ebda kundanna ghal reati konnessi mad-droga. Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi huwa biegh sitt pilloli lil Abdilla u li din kienet l-unika darba illi l-imputat ghaddielha l-*ecstasy*. Qieset ukoll illi l-imputat ma kienx maghruf ma' Abdilla bhala wiehed li jiehu jew jittraffika l-*ecstasy*, izda x'aktarx ried jaghmlilha pjacir u sab jakkwistalha dawn il-pilloli. Mill-banda l-ohra, din l-istorja seta' kellha konsegwenzi tragici ghaliex il-persuna li Abdilla ghaddiet lilha numru minn dawn il-pilloli, spicca vittma ta' *overdose.*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1B) u 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avviz Legali 22/1985, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal **piena ta' tmien (8) xhur prigunerija effettiva** u ghal **multa ta' seba' mitt Euro (€700)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarcja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero' jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Stante illi ma gew mahtura l-ebda esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------